MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 51/8

*(Laqgħa b`Urġenza)*

L-Erbgha 16 ta' Gunju 2021

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-sitta ta` filghaxija (6:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

Maria Micallef – Kunsilliera

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

051.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

051.2 Is-Sitwazzjoni ta` Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina;

051.3 Tmiem tal-laqgħa.

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta u kwart ta` filgħaxija (6:15pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 051.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

### 051.2. Is-Sitwazzjoni ta` Triq J.Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katerina;

Il-Kunsillier MA Sammut nforma lil dawk prezenti li matul dawn l-ahhar jiem saru bosta incidenti, fejn nies wegghu kawza tal-istat ta` toroq. Din il-problema ta` l-istat kif jinsabu dawn it-toroq ilha tkarkar ghal sena shiha. Il-Kunsillier MA Sammut kompla billi qal li din is-sitwazzjoni qed tkun ta` detriment ghar-residenti ta` dawn it-toroq u ghalhekk huwa u l-kunsillier S Caruana talbu biex isir din il-laqgha b`urgenza biex jigi deciz x`ser isir.

Il-Kunsillier S Caruana qal li llum ircieva korrispondenza li l-kuntratt gie ffirmat mill-partijiet kollha kkoncernati. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex dawk iz-zewg sqaqien li hemm f`dawn it-toroq jsiru wkoll bl-istess pavimentar jekk hemm fondi bizzejjed.

Il-Kunsillier MA Sammut talab sabiex isir xi haga fir-rampi li saru bl-injam quddiem iz-zewg garaxxijiet li jinsabu fil-pjazetta ta` Triq Santa Katerina ghax qed ikun ta` nkonvenjent ghal sid il-garaxx biex jaghmel uzu minnu.

Wara din id-diskussjoni, gie deciz biex isir laqgha urgenti mall-kuntrattur tal-Kunsill, l-perit tal-Kunsill u rapprezentant mill-IM fuq il-post biex jigi deciz meta ser jinbdew ix-xoghlijiet, liema xoghlijiet hemm bzonn li jinbdew fl-iqsar zmien possibli. Din il-laqgha giet deciza li ssir nhar il-Gimgha 18 ta` Gunju f`12pm.

051.3 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgha neqsin kwart ta` filghaxija (6:45pm).

Konfermati, illum Tlieta 6 ta' Lulju 2021

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv